**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Novembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 154/10 AL

**A B (ID 0830155M)**

**vs**

**C B (ID 0156462M) u b'digriet tas-16 ta' Lulju 2010 Dr Henry Antoncich u il-Prokuratur Legali Louisa Tufigno gew nominati kuraturi deputati ghall-assenti C B u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2010 Dr Henry Antoncich gie sostitwit bil-kuratur deputat Dr Noel Bartolo u b'digriet tat-18 ta' Novembru 2010 u tat-3 ta' Dicembru 2010 il-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u il-Prokuratur Legali Louisa Tufigno gew estromessi mill-kawza stante li l-konvenuta C B assumiet l-atti f'isimha proprju**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrent u l-intimata iċċelebraw iż-żwieġ tagħhom ġewwa l-Knisja Parrokjali ta' San Gwann tas-Salib, Ta' Xbiex, fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (1982), skont ma jidher miċ-Ċertifikat taż-Żwieg hawn ss u mmarkat bħala Dok. 'A';

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt ulied Anthony Neil u Jonathan Bernard aħwa B li llum ghandhom l-età ta' tmintax (18) u sittax (16) –il sena rispettivament, skont ma jidher miċ-Ċertifikati tat-Twelid hawn ssi u mmarkati bhala Dok. 'B' u Dok. 'C';

3. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) ir-rikorrent u martu l-intimata kkuntrattaw is-separazzjoni personali taghhom, *vide* ss Dok. 'D';

4. Illi ai termini tal-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi ġie miftiehem illi l-kura u l-kustodja taż-żewġt ulied minorenni tibqa' vestita u fdata f'idejn iż-żewġ ġenituri konjuġi B filwaqt li l-istess ulied jirrisjedu mar-rikorrent missierhom;

5. Illi l-intimata sa mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni u sussegwentement, għal aktar minn sitt (6) snin naqset milli tipprovdi l-manteniment u tikkontribwixxi għall-ispejjes tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri uliedha Anthony Neil u Jonathan Bernard aħwa B u abbandunat lill-istess uliedha għall-kollox u marret tirrisjedi barra minn Malta;

6. Illi matul dawn is-snin ir-rikorrent baqa' jaħdem *full-time* u dejjem mantna u pprovda lill-istess uliedu b'dak kollu li kien ikollhom bżonn sakemm f'Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) l-istess ulied marru jgħixu maz-zija tagħhom Carmen Caruana (oħt l-intimata) li sussegwentement ingħatat

il-kura u l-kustodja tal-istess ulied minuri b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta mogħti nhar l-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008), *vide* kopja legali ssa Dok. 'E';

7. Illi l-intimata nonostante li giet debitament interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tal-ammonti dovuti lir-rikorrenti kif fuq spjegat u dan permezz ta' ittra ufficcjali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2010, baqghet inadempjenti, vide kopja legali ssa Dok. 'F';

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

9. Illi ir-rikorrenti jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja:

1. Tiddikjara illi sa mid-data tal-kuntratt tas-separazzjoni personali tal-kontendenti u sussegwentement u cioè fil-perjodu bejn Marzu tas-sena elfejn (2000) u Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) l-intimata kellha l-obbligu li tipprovdi l-manteniment u tikkontribwixxi għall-ispejjes ta' saħħa u edukazzjoni ta' uliedha minorenni Anthony Neil u Jonathan Bernard;

2. Tillikwida somma rappreżentanti sehem l-intimata għall-manteniment u l-ispejjes ta' saħħa u edukazzjoni għall-ulied minorenni Anthony Neil u Jonathan Bernard, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrent l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2009 u bl-imgħax mid-data tal-ittra ufficjali sad-

data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet;

1. Illi preliminarjament, t-talba rikorrenti hija perenta ghal terminu oltre hames snin mid-data tal-prezentazzjoni tar-rikors gurament fl-ismijiet hawn fuq indikati u dan ai termini ta' l-artiklu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, hemm kuntratt vigenti bejn il-kontendenti *'pacta sunt servanda'* fejn gie patwit illi minflok hlas ta' manteniment il-komparenti ragel nghata d-dritt li jabita fil-fond proprjeta parafernali tal-komparenti mara minghajr ma thallas l-ebda korrispettiv kif fil-fatt sar mis-sena elfejn (2000) sa Ottubru elfejn u tmienja (2008);
3. Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr Anna Mallia a fol. 194 tal-process :

A fol 177 l-esponenti giet mahtura bhala perit legali bis-soliti fakultajiet.

Illi fir-rikors guramentat tieghu l-attur jippremetti u jitlob dan li gej:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata iccelebraw iz-zwieg taghhom gewwa l-Knisja Parrokjali ta' San Gnn tas-Salib Ta Xbiex fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elf disa mija tnejn u tmenin (1982) skont ma jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn ss u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied Anthony Neil u Jonathan Bernard ahwa B li llum ghandhom l-eta ta' tmintax (18) u sittax (16)-il sena rispettivament skont ma jidher mic-certifikati tat-twelid hawn ssi u mmarkati bhala Dok 'B' u dok 'C';

3. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) ir-rikorrent u martu l-intimata kkuntrattaw is-separazzjoni personali taghhom, vide ss Dok 'D';

4. Illi ai termini tal-klawsola numru tlieta 93) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi gie miftiehem illi l-kura u l-kustodja taz-zewgt ulied minorenni tibqa vestita u fdata f'idejn iz-zewg genituri konjugi B filwaqt li l-istess ulied jirrisjedu mar-rikorrent missierhom;

5. Illi l-intimata sa mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni u sussegwentement, ghal aktar minn sitt (6) snin naqset milli tipprovdi l-manteniment u tikkontribwixxi ghall-ispejjes tas-sahha u tal-edukazzjoni tal-minuri uliedha Anthony Neil u Jonathan Bernard ahwa B u abbandunat lill-istess uliedha ghal kollox u marret tirrisjedi barra minn Malta;

6. Illi matul dawn is-snin ir-rikorrenti baqa jahdem full-time u dejjem mantna u pprovda lill-istess uliedu b'dak kollu li kien ikollhom bzonn sakemm f'Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) l-istess ulied marru jghixu maz-zija taghhom Carmen Caruana (oht l-intimata) li sussegwentement inghatat il-kura u l-kustodja tal-istess ulied minuri b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti

7. Illi l-nonostante li giet debitament interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tal-ammonti dovuti lir-rikorrenti kif fuq spjegat, u dan permezz ta' ittra ufficjali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2010, baqghet inadempjenti, vide kopja legali ssa Dok 'F';

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

9. Illi r-rikorrenti jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment.

Tghid ghalhekk l-iintimata ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja:

Tiddikjara illi sa mid-data tal-kuntratt tas-separazzjoni personali tal-kontendenti u sussegwentement u cioe fil-perjodu bejn Marzu tas-sena elfejn (2000) u Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) l-intimata kellha l-obbligu li tipprovdi l-manteniment u tikkontribwixxi ghall-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni ta' uliedha minorenni Anthony Neil u Jonathan Bernard;

Tillikwida somma rapprezentanti sehem l-intimata ghall-manteniment u l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni ghall-ulied minorenni Anthony Neil u Jonathan Bernard, okkorendo bl-opra ta' Periti nominandi;

Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat.

**Risposta guramentata tal-konvenuta**

a fol 45 l-intimat eccepiet dan li gej:

Illi preliminarjment t-talba rikorrenti hija perenta ghal terminu oltre hames snin mid-data tal-prezentazzjoni tar-rikors guramentat fl-ismijiet hawn fuq indikati u dana ai termini tal-artikolu 2156(b) tal-kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr prgudizzju ghas-sueccepit, hemm kuntratt vigenti bejn il-kontendenti 'pacta sunt servanda' fejn gie patwit illi minflok hlas ta' manteniment il-komparenti ragel nghata d-dritt li jabita fil-fond proprjeta parafernali tal-komparenti mara minghajr ma thallas l-ebda korrispettiv kif fil-fatt sar mis-sena elfejn (2000) sa Ottubru elfejn u tmienja (2008).

**Dokumenti esebiti**

Dok A (fol 5) – certifikat taz-zwieg ta' Angio u C B

Dok B (fol 6) – certifikat tat-twelid ta' Anthony Neil B

Dok C (fol 7) – certifikat tat-twelid ta' Jonathan Bernard B

Dok D (fol 8) – kuntratt tas-separazzjoni tal-21 ta' Marzu 2000

Dok E (fol 14)– kopja legali ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja tal-4 ta' Lulju 2008

Dok F (fol. 17) – kopja legali ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Marzu 2009.

Dok G (fol 22) – rikors hatra ta' kuraturi deputati

Dok PA 1 (fol 70) – rendikont tal-granet li kellu ghandu t-tfal

Dok PA 2(fol 71) – rendikont tal-ispejjez

Dok Arms 1 (fol 83) – kont attwali tad-dawl u ilma

Dok Arms 2 (fol 84) – rendikont tal-konsum dawl u ilma

Dok Arms 3 (fol 85) – r-registered consumers fil-fond Lucy 152 St Helen Street Sliema

Dok SM1 (fol 96) – donations lil Kullegg Stella Maris

Dok LPX 1 (fol 102) – id-dhul u l-FS3 tal-attur mill-1997 sa 2007

Dok Arms 1 (fol 117) – registered consumer fl-24 ta' Awissu 2008

Arms 2 (fol 118) – min kien registrat fil-fond tal-attur

Arms 3 (fol 119) – rendikont tal-konsum u pagamenti

Dok RAP 1 (fol 152 et) – donations tal-iskola mitluba lill-mara

Seduta 18.9.2015) – Dok RP 1 - s-sentenza dwar il-hsara moghtija mill-Imhallef Ellul u Dok RP2 - digriet dwar kura u kustodja tat-tfal favur Carmen Caruana.

**Xhieda**

A fol 65 xehed **l-attur** li fis-sitt snin li t-tfal kienu mieghu ommhom marret l-Ingilterra u kien sentejn wara li kien hemm kuntatt bejniethom. Xehed li huwa dejjem pprova jikkuntatja t-tfal lejha u fil-fatt darba hadhom anke l-Ingilterra. Kien sentejn wara s-separazzjoni li bdiet iccemplilhom. F'dawn is-sitt snin l-attur jghid li pprovda ghal manteniment ta' wliedu wahdu. Imbaghad wara li beda l-kuntatt bit-telefon bdew jircievu xi hwejjeg per ezempju fil-birthday pero ma jafx minghand min, jekk hux ommhom jew zijithom. Xehed li kienu jircevu fil-birthdays jew Christmas u dejjem kienu rigali zghar. Huwa pprezenta lista Dok PA1 li fiha jghid li t-tfal damu mieghu elfejn tmien mija u disgha u sebghin gurnata (2870) u li fihom pprovdilhom l-manteniment taghhom. Dok PA2 hija lista tal-ispejjez li kien ghamel u dan barra l-privatijiet li ma jidhrux. Dwar item 1 tal-lista din tindika l-flus li kien ta lil oht il-mara Carmen Caruana ghax kienet tiehu hsieb it-tfal hi fil-perjodu li huwa kien l-isptar . Xehed li b'kollox daha tmien darbiet pero mhux dejjem zammithom hi.

Xehed li t-tfal kienu jmorru Stella Maris College u l-iskola ma kienetx tohrog ircevuta u s-sitema kienet ta' grant.

School transport kien jaghmlu huwa stess u kien matul dan l-perjodu li xtralhom erba mobiles. Dwar eating out dan kien minhabba li hu ma kienx jaf isajjar meta ommhom telqet hesrem.

Item 13 tal-lista hija meta hadhom holidays, sifirhom l-Ingiltera, fuq cruise, l-Italja u Sqallija.

Xehed li l-passaport l-ewwel kien fuq ommhom imbaghad l-mara accettat li jigi f'isimhom.

Dwar item 14 xehed li dawn hadhom hu u s-somma kienet tikkonsisti f'ikel, amusement etc, camping f'Malta u mieghu kien itella kollox.

Dwar private lessons huwa kien jibghatu ghax dyslexic u anke l-iehor. Item 24 u 27 hallihom barra ghax ma jafx l-figura. Huwa xtara erba computers u qed jitlob tnejn biss ghax l-ohrajn baqghu ghandu.

A fol 99 rega xehed l-attur li huwa jahdem bhala customs officer u esebixxa l-FS3's tieghu ghas-snin minn 1997 sa 2007 Dok LPX1 u spjega li t-tfal damu jghixu mieghu sas-sena 2007. Il-figura fuq dok LPX 1 huma fil-lira Maltija.

In kontro-ezami fol 147 l-attur in kontro-ezami li huma sseparaw f'Marzu 2000 u il-ftehim kien li hu jibqa jirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal. Huwa jammetti li d-dar kienet tal-intimata pero jikkontendi li hija tal-komunjoni tal-akkwisti ghax hu hareg sehem minn din id-dar. Spjega li d-dar gejja mill-wirt tal-konvenuta u kellhom ihallsu xi flus meta saret id-divizjoni u dawn il-flus kienu minn tal-komunjoni. Jghid li l-konvenuta dak iz-zmien ma kienetx tahdem u xi ftit gimghat jew xahar wara li sseparaw hija marret tghix l-Ingilterra. Dan jghid li sar kollox minn wara daru u kien halsilha l-passagg tlett darbiet – darbtejn biex tistrih u dan qabel ma ffirmaw l-kuntratt ta' separazzjoni u t-tieni darba meta giet lura qaltlu li mhix ser tibqa Malta. Jikkonferma li dan qalitulu qabel ma gie ffirmat l-kuntratt ta' separazzjoni.

Jinnega li manteniment fil-kuntratt ma tnizzel xejn ghax l-arrangament kien li huwa jibqa jghix fid-dar tal-intimata minghajr ma jhallas kera u jispejga li martu kienet qaltlu li sejra l-Ingilterra biex tiehu l-kura ghal dependency trap li kienet tbaghti biha u imbaghad tigi lura. L-attur jikkonferma li dak iz-zmien ma talabx manteniment minghand martu ghax kien assuma li hija se tikkontibwixxi b'xi mod ghal manteniment tat-tfal u dan peress li l-kura u l-kustodja kienet kongunta. Veru li ma hallasx kera kemm ilu jghix fid-dar tal-mara u ilu xi hames snin li hareg minn din id-dar.

l-attur jinnega wkoll li din il-kawza qed jaghmilha ghax martu bdiet kawza kontrih tal-hsarat li ghamilha fid-dar matrimonjali.

Dwar Dok PA2 (fol 71) huwa spejga li veru li t-tfal kien imur ghalihom u jigborhom hu mill-iskola u kien nizzel school transport. Xehed li veru li l-iskola kienu b'donation izda huwa hallashom u nizzilhom bhala school fees. Jghid li huwa ma kienx jaf li mis-sena 2005 anke l-mara kienet qed thallas d-donations u jekk hu hekk kienu qed ihallsuhom darbtejn ghax hu kien ihallas donation shiha.

Dwar Rok RAP1 esebit seduta stante mill-konvenuta, (fol 152 et), xehed li huwa ma jafx bihom u lanqas dwar il-hlas relattiv. Dwar spejjez tal-uniformi l-attur xehed li kien jixtrilhom tal-anqas uniformi wahda fis-sena ghax il-kbir ma kienetx tkun tigih u ma kienx isiblu lesti u kien ihithomlu. Anke lil Jonathan kien jixtrilu uniformi kull sena.

Dwar entrata numru tlettax (13) 'holidays' jispjega li lit-tfal kien hadthom numru ta' cruises; entrata numru tnax (12) 'seven months eating out' dawn kienu ghamlu seba xhur jieklu barra wara li ffirmaw is-separazzjoni u dan ghax ma kienx jaf isajjar.

Jammetti li oht il-mara kienet hadet it-tfal Luxembourg bejn is-sena 2006 u 2007 ghal ghaxart (10) ijiem izda ma qatt ma ra l-hwejjeg li l-intimata tghid li xtratilhom ohtha minn hemmhekk. Jaqbel li kull nhar ta' Hadd ghall-istess perjodu t-tfal kienu jieklu ghand Carmen oht l-mara. Jghid li l-affarijiet kollha li xtara lit-tfal baghatu fl-ufficju tal-avukat Busietta biex jghaddihom lit-tfal cioe' ghand l-avukat Michael Grech inkluz l-oggetti tad-deher u l-fidda tat-tfal u l-mara kienet anke ghaddietlu ircevuta.

A fol 174 l-attur jkomplu jixhed in kontro-ezami u rega rrepeta li manteniment ma tnizzel xejn fil-kuntratt ghax martu kienu qaltlu li telqet temporanjament u mistoqsi jispjega ghaliex meta martu taghtu d-dritt ta' uzu tad-dar b'mod indefinit huwa xehed li hi telqet minn Malta u hu kien qed

irabbi t-tfal. Jichad li l-arrangament kien li huwa joqghod fid-dar taghha minghajr hlas u dan jigi pacut billi huwa ma jitlobx manteniment.

Jaqbel li huwa baqa jghix mat-tfal sas-sena elfejn (2000) meta ffirmaw l-kuntratt ta' separazzjoni u li meta hareg mid-dar t-tfal ma kienux ghadhom jghixu mieghu u dan peress li kien hemm digriet tal-Qorti li t-tfal ikunu fil-kura taz-zija.

Mistoqsi jispjega ghaliex dam ghaxar (10) snin mil-kuntratt ta' separazzjoni biex beda din l-kawza huwa spjega li dan ghaliex huwa kien dejjem bl-idea li kien ser jibqa jiehu hsibhom hu u kien meta serqulu t-tfal li huwa biddel l-idea.

Rega in kontro-ezami (seduta 12.5.2015) xehed li huwa ghamel l-kawza  disa snin wara s-separazzjoni ghax l-mara kienet tghidlu li kif tfieq tigi lura.  Il-kawza tal-hsarat fid-dar ma ghandha x'taqsam xejn mal-fatt li ghamel din l-kawza.

A fol 78 xehed **Michael Buttigieg impjegat mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u rapprezentant ukoll tal-Arms Limited** li rigward l-fond Lucy 152 St Helen Street Sliema mis-sena 2000 sas-sena 2007, jista jipproduci biss l-ahhar kont ghall-perjodu mitlub li huwa wkoll attwali (Dok Arms 1).  Dan ilahhaq €1113.24 izda peress li kienu saru xi pagamenti l-ammont huwa ta' €104.40 in credit. Huwa esebixxa wkoll Dok Arms 2 li jinkludi l-perjodu mitlub. Huwa esebixxa wkoll Arms 3 li jindika l-persuni rregistrati fuq l-kont.  Xehed li f'Jannar 2008 B Jonathan u B Anthony Neil ma baqghux iktar registrati fil-fond u li l-account holder fil-perjodu mitlub kien Angio B u l-kontijiet kienu jmorru 152 'Lucy' Triq Sant Elena Sliema.

A fol 114 xehedet **Audrey Ellul in rapprezentanza tal-Arms Limited** u esebiet d-dettalji tal-account holder li huwa l-attur. U Arms 2 huma l-persuni registrati fuq l-istess fond u Arms 3 huma l-kontijiet minn meta twahhal l-meter sas-sena 2009 u li kollox huwa imhallas. Xehdet li l-Arms taghti sussidju skont l-persuni registrati fuq l-fond.  Xehdet li fejn f'dok Arms 3 hemm "rebate" tfisser l-ammont ta' sussidju li

nghata; li MI tfisser installation u MR tfisser meter removal u li l-ewwel tlett folji ta' Dok Arms 3 huma fil-Lira Maltija waqt li l-ahhar pagna hija fl-Ewro.

A fol 79 xehedet **Charmaine Agius Ferrante** li hija teaching support consultant fil-Kullegg Stella Maris Gzira li ma kelllhiex l-informazzjoni rikjesta. Reghet xehdet a fol 92 li li t-tfal Anthony Jonathan B kienu jmorru l-iskola u li fis-sena 2012 meta xehdet t-tfal kienu spiccaw mil-iskola. Mistoqsija tixhed dwar l-kotba tal-iskola u uniformijiet, hija xehdet li l-iskola ma zzommx record dwar liema kotba l-genituri jkunu xtraw u kemm kienu jqumu. Taf pero li l-misssier kien iwassal t-tfal l-iskola u jigborhom. Tghid li t-tfal kienu jkunu dejjem nodfa u smart u dejjem kellhom l-affarijiet li kellhom bzonn ghal-iskola. Hija prezentat Dok SM1 rendikont tad-donations li l-attur ghamel lill-iskola (fol 96). Pero ma tafx min hallashom ghalkemm kkonfermat li dawn dejjem thallsu mill-missier pero l-ammont ezatt ma tafux. In kontro-ezami hija xehdet li meta t-tfal ma baqghux jghixu mal-missier huwa ma baqghax iwassal it-tfal l-iskola, kienet iz-zija u l-partner taghha li ghamlu l-arrangamenti ghalkemm ma tafx x'arrangamenti dwar it-trasport tat-tfal ghall-iskola kienu ghamlu.

A fol 136 xehdet **Carmen Caruana** oht l-konvenuta. Hija taf li l-partijiet kienu sseparaw u li fil-kuntratt ta' separazzjoni kienu ftehmu li t-tfal jibqghu jghixu fid-dar taz-zwieg ma' . Xehdet li hija kienet telqet mid-dar u ghamlet zmien tghix barra minn Malta pero ma tiftakarx meta kien dan. Taqbel li t-tfal ghal xi zmien trabbew ma' missierhom u li dan ghal madwar seba snin. Gara li lejn l-ahhar ta' dawn is-seba snin l-attur kien ikun indispost jew ghax dahal l-isptar jew ghax ikun imsiefer mal-partner tieghu jew imorru xi weekend break u kien jitlobha zzomlu t-tfal u hija kienet izzomhomlu. Hija qatt ma irceviet xejn minghand l-attur talli zammitlu t-tfal.

Dwar rigali li l-attur kien jircevi ghat-tfal, Caruana wiegbet li ma tafx minn fejn kienu jigu izda kemm hija u kemm ommha kienu jixtru r-rigali lit-tfal u anke ohtha kienet tiehu hsieb tibghatilhom xi hwejjeg u toys li setghu jghinu fl-edukazzjoni

taghhom li kienet tghaddihom lilha u hija tghaddihom lill-attur. Pero hija ma kienetx tghidlu li baghtithom ohtha izda li xtrathom hi.

Tammetti Caruana li ohtha qatt ma baghtet flus maghha u jekk baghtithom direttament ma tafx. Pocket money lit-tfal hija u ommha kienu jtuhom u dan kien lejn l-ahhar tas-sentejn jew sentejn u nofs li kienet tghaddi LM5 kull wiehed u ommha LM3 kull wiehed u dan meta l-attur kien ihallilha t-tfal mil-anqas darba fil-gimgha.

Ix-xhud tghid li lit-tfal kienet sifrithom darbtejn – darba gimgha kull darba u kienu jmorru Luxembourg mal-partner taghha li kien jahdem hemm u kienu jduru f'postijiet ohra. Tghid li ghal bidu l-attur kien jiehu t-tfal ghand ommha, izda wara xi zmien huwa ma baqax igibhom t-tfal ghand ommha. Meta ohtha cioe l-konvenuta kienet Malta kienu rrangaw biex hija tara lit-tfal . Tghid li meta kellu l-ewwel partner l-attur kienu johrogu l-attur l-partner hija u l-partner taghha u wara li mietet u kellu partner ohra, kienu jaghmlu l-istess. Xehdet li mit-tieni partner l-attur beda jgib lit-tfal regolarment id-dar taghhom.

L**-istess xhud pprezentat l-affidavit taghha (seduta 13.1.2015**). hija xehdet li hija tigi oht l-konvenuta u li meta l-partijiet isseparaw fis-sena 2000 ontha kienet ghamlet ftit xhur tghix L-ingilterra u ftit xhur tghix Malta. Tghid li hija dejjem kienet close ma' ohtha C. Wara li sseparaw l-attur ghamel xi zmien jiehu t-tfal ghand ommha Rahal Gdid u minn nofs is-sena 2004 sas-sena 2007 huwa kien jaghmel hekk kwazi kull nhar ta' Sibt jew Hadd. It-tfal tal-partijiet kienu jieklu ghandha u jaghmlu gurnata maghha u meta jmorru lura d-dar kienu jiehdu maghhom ikel kwazi b'mod regolari. Tghid li f'dik il-gurnata li kien igibhom ghand ommha hija kienet tohroghom u kienet tixtrilhom b'mod regolari hwejjeg, zraben, arloggi u mobiles.

Kienet anke f'zewg okkazzjonijiet li siefret it-tfal maghha u mal-partner taghha u dan a spejjez taghha u tal-partner taghha.

Gara li fil-25 ta' Awissu 2005 wara nofsinhar l-attur gab it-tfal ghandha u baqghu ghandha sas-17 ta' Settembru 2007 u dan ghax l-attur kellu jidhol l-isptar biex jaghmel operazzjoni. Fis-17 ta' Settembru 2007 l-attur mar ghat-tfal u hija taghthomlu u taghtu wkoll l-uniformijiet taghhom, l-kotba tal-iskola u ikel li kienet ppreparatilhom biex jehduh maghhom id-dar.

Fit-18 ta' Settembru 2007 hija cemplet lil partner tal-attur Marie Debattista biex issaqsiha jekk l-attur kellux bzonn xi haga u hija qaltilha li hu ma setghax jergha minhabba l-operazjoni u li ghalhekk it-tfal ghandhom jghinuh fix-xoghol tad-dar u hija qaltilna li t-tfal dejjem jghinuh. Wara cemplilha l-attur u qallha li kontra taghha ma ghandu xejn ghax hija dejjem ghenitu meta kellu bzonn xi haga. Aktar tard cemplet lit-tfal u t-tifel Jonathan qallha li jrid imur jghix maghha ghax missieru ma riedux mieghu aktar.

Hija cemplet lill-attur biex tara hux veru u l-attur qallha biex tibghat taxi ghat-tfal u li huwa kien sejjer ghand l-avukat tieghu. Marret ghalihom flimkien ma' huha ghax hija ma ssuqx u sabet lit-tfal barra, wiehed jibki u l-iehor bezhan.

Il-konvenuta talbitha biex tiehu hsieb it-tfal u qaltilha biex tmur ghand avukat sabiex tibda proceduri bil-Qorti biex il-kura u kustodja tigi fdatha lilha. U hekk gara. Fl-4 ta' Lulju 2008 atti ta' rikors generali 140/07 gie konfermat.

F'Gunju 2008 l-attur baghat zewg irgiel bl-affarijiet tat-tfal fl-ufficju ta' Dr Busietta u kien hemm skont it-tfal diversi affarijiet neqsin forsthom hwejjeg, laboratory reports, affarijiet relatati mal-computers, dvds, cd, loghob tal-computer, kotba, frame u deheb tat-tfal.

Ix-xhud tghid li sakemm it-tfal kienu qed jghixu mal-attur hija halset donations lill-iskola u pprezentat ghaxar (10) ircevuti li juru dan ta' LM25 il-wiehed. Temmet li minn Settembru 2007 sal-lum l-attur u t-tfal qatt ma tkellmu u li omm it-tfal tigi tara lill-uliedha regolarment u l-ahhar li kienet hawn kien fil-Milied tas-sena 2014.

In kontro-ezami, **Carmen Caruana** (seduta 12.5.2015) xehdet li It-tfal wiehed ibaghati bid-dyslexia Jonathan u l-iehor kellu aspergers syndrome. Hija ma taqbilx li t-tfal facilment tipperswadihom u tammeti li l-partijiet kienu ftehmu li t-tfal joqghodu mal-attur. Tammetti wkoll li ohtha llum tahdem barra. Minn meta sseparaw t-tfal baqghu ma missierhom u ohtha marret toqghod ghand ommha. Xehdet li ohtha kienet tghid li t-tfal ahjar jekk joqghodu ma missierhom.

Xehdet li t-tfal kienu jmorru ghandha s-Sibt u l-Hadd u tghid li kienet tixtrilhom kull ma jkollhom bzonn. Lil missierhom kienet tinfurmah u hu kien jghidilha ‘ghamel inti la ha thallas int’. tinnega li l-attur kien hallasha ta’ kemm ghamlet mat-tfal meta kien l-isptar jew li kien tahom mitt lira Maltin (LM100) meta hija sifrithom Luxembourg.

Xehdet li meta hija hadet l-kura u kustodja tat-tfal dan ma kienx pjan ta’ ohtha. It-tfal kienu jmorru ghall-access G’Mangia u l-attur ma kienx imur. Tghid li t-tfal illum ghandhom tnejn u ghoxrin (22) u ghoxrin (20) sena u l-kbir jahdem full-time u z-zghir ghadu l-Mcast. Tghid li hwejjeg kellha tixtrilhom hi ghax dawk li baghtilha l-attur ma kienux tajbin. Tghid li t-tfal ilhom ma jaraw lil missierhom mit-18 ta’ Settembru 2007 u ma jsemmulha xejn iridux jarawh. Ohtha tghid li tghinha kif tista u tigi Malta kull sitt xhur.

A fol 133 l-attur iddikjara li ma ghandha aktar provi x’jipproduci.

Fl-affidavit taghha l-**konvenuta C B (seduta 13.1.2015)** tghid li l-arrangament mal-attur kien li huwa ma jtilobhiex manteniment ghat-tfal u hija ma titolbu kera tal-post fejn baqa jghix mat-tfal. Tghid li hija qatt ma talbitu kera mentri huwa fetah din l-kawza fejn qed jitlob arretrati ta’ manteniment ghat-tfal. Id-dar hija proprjeta parafernali taghha.

Il-konvenut jghid li wara li ffirmaw l-kuntratt ta’ separazzjoni hija marret toqghod ghand ommha Rahal Gdid sa Settembru

2000. Hija tinnega li kienet taht xi kura medika izda tammetti li f'Settembru 2000 marret l-Ingilterra biex toqghod ftit zmien ma' zijitha u f'Jannar/Frar 2001 regghet lura Malta. Meta kienet ghand ommha lit-tfal kienet tarhom regolarment u ix-xhur li kienet l-Ingilterra kienet izzomm kuntatt maghhom b'mod regolari. Fil-Milied u birthdays hija kienet tibghatilhom hwejjeg u rigali fosthom educational toys. Meta regghet lura Malta marret toqghod ghand ommha u t-tfal kienet tarhom kull nhar ta' Hadd. F'Novembru 2001 regghet telghet l-Ingilterra u sas-sena 2004 kienet taghmel ftit zmien L-ingilterra u perjodi ohrajn Malta. Fis-sena 2004 ghamlet ftit aktar minn sena tghix Malta ghand ommha u f'dan il-perjodu kienet tara lill-uliedha regolarment minkejja li l-attur kien jaghmilha difficli ghalha li tarhom. F'Mejju 2005 sabet xoghol l-Ingilterra fejn ghadha tghix u tahdem sal-lum.

Fit-18 ta' Settembru 2007 l-attur kecca lit-tfal mid-dar li tinsab 152/153 Triq Sant Elena Sliema u t-tfal marru joqghodu ma' ohtha Carmen Caruana. Fl-10 ta' Ottubru 2007 l-Qorti akkordat l-kura u kusotdja ta' wliedha lill ohtha Carmen u tiftakar ir-ritratti ta' degradazzjoni tad-dar fis-sena 2007.

Wara bdiet procedura legali biex tizgombra lill-attur mil-fond ta' tas-Sliema u l-attur kien kkundannat ihallasha €5900 danni. Tghid li l-kawza hija fethitha fit-12 ta' Novembru 2009 u l-attur l-proceduri ghal arretrati ta' manteniment ghat-tfal fetahhom fil-5 ta' Mejju 2010, ftit xhur wara. Hija tghid li meta t-tfal gew fdati lill-ohtha Carmen l-attur qatt ma talabha manteniment ghat-tfal u hija qatt ma talbitu kera. Fis-sena 2006 l-attur telgha mal-partner tieghu u t-tfal l-Ingilterra u hija kienet tiltaqa maghhom kuljum u sakemm damu l-Ingiltera l-attur qatt ma semmielha kwistjoni ta' manteniment ghat-tfal.

Lanqas othha qatt ma talbitha flus ghal manteniment tat-tfal.

In kontro-ezami l-**intimata C B (seduta 18.9.2015)** xehedet li t-tfal t-tnejn kienu ibaghtu wiehed dyslexia u l-iehor bl-awtizmu "pero they overcame it and t-tnejn ghandhom degree. Jien t-tfal ma abbandunajthomx u tlaqt ghax zewgi

ried hekk. Qalli li t-tfal mieghu jkunu ahjar ghax skond hu jien ma kont tajba ghal xejn."

Tammetti li kienet taf li t-tfal kienu jbaghti minn din l-kondizzjoni meta hija siefret l-Ingilterra izda wara saru jafu dwar din l-kondizzjoni.

Il-konvenuta tammetti li qatt ma ddikjarat fil-kuntratt ta' separazzjoni li behsiebha tirritorna Malta. Wara li ghamlet l-kuntratt ghamlet disa xhur Malta u telqet lejn l-Ingilterra. Kienet tinzel Malta minn zmien ghal zmien. Lir-ragel qatt ma qaltlu li tielgha l-Ingilterra u dan ghax kienet marida u ghandha l-control dependency trap. Hu kien jibghatilha materjal dwar din l-kondizzjoni. Hwejjigha kienet halliethom d-dar u hu ppakjalha hwejjigha u tispjega li Malta ma gietx tissetilja ghax kull darba li tigi tispicca bl-inwkiet biex tara t-tfal.

Tispjega li zammet id-dritt li terga tirritona Malta ghax hija darha u li ghall-ahjar tat-tfal kienet iddeciediet li hu jibqa jghix fid-dar u anke ghax hekk ried hu. Xehdet li ma ggilditx ghat-tfal ghax kien jheddidiha izda rapport ta' theddid l-ghassa ma ghamlitx ghax kien jheddidha li jekk taghmel rapport jaghmilha ikkapuljat u joqtollha it-tfal. Il-kura u kustodja kienet kongunti biex jekk huwa jigi nieqes t-tfal imorru maghha. Tammetti li flus ma baghtitilhomx t-tfal pero hwejjeg, zraben u affarijiet educational kienet tibghatilhom.

Tammetti li r-ragel rabbihom hu sas-sena elfejn u sebgha (2007) u flus qatt ma talabha l-attur u tghid li gidba kbira li t-tfal haduhomlu biex tirbah d-dar. Xehdet li ghamlet tlett snin tghix l-Ingilterra maz-zija u wara marret tghix ghal rasha meta mietet z-zija. Kienet tghix bil-flus tal-wirt u bil-flus li kienet tibghatilha ommha. Dwar Peter Hallwood tghid li huwa l-kurign taghha u li ma kienetx tghix mieghu.

Dwar il-kawza li ghamlet hija kienet thallset in full and final settlement. U terga ttenni li fil-kuntratt ta' separazzjoni ma semmew xejn dwar manteniment ghax kienu ftehmu li huwa ser juza d-dar bla kera . Dam tmien (8) snin jghix fid-dar.

Fl-affidavit tiegħu **Ray Cachia Zammit (seduta 19.2.2015**) xehed li huwa mizzewweg lil Carmen Caruana oht l-konvenuta u ilhom mizzewgin mis-sena 2014 ghalkemm bhala kopja ilhom flimkien mis-sena 1998. Fis-sajf tas-snin 2005 u 2007 huma tellghu lit-tfal Lussemburgu fejn kien jahdem u dan a spejjez taghhom. Huma kienu xtrawlhom ilbies u xi affarijiet ohra. Huwa kien jahdem Lussumburgu dak iz-zmien. Kien jinzel Malta qisu darbtejn fix-xahar u jiftakar li ghal bosta weekends fil-perjodu 2004 sa 2007 t-tfal kienu jqattghu is-Sibt jew il-Hadd ghand Carmen fid-dar taghha r-Rahal Gdid. Kienu jieklu u anke tlestilhom ikel iehor biex johduh maghhom. Gieli anke hargu lit-tfal u xtrawlhom xi lbies inkluz uniformijiet tal-iskola u affarijiet ohra bhal mobiles, arloggi, nuccalijiet tax-xemx. Jiftakar li kien fit-18 ta' Settembru 2007 meta l-attur kecca t-tfal mid-dar u li Carmen marret ghalihom u baqghu jghixu maghhom sal-lum

Xehed **Ray Cachia Zammit** (seduta 18.9.2015), in kontro-ezami, r-ragel ta' Carmen Caruana oht l-konvenuta. Li kien cempillu l-attur u qallu biex nghid lil Carmen li jekk ma tibghatx lura lit-tfal huwa kien ser imur ghand l-pulizija. Dan gara meta huma kienu ghadhom gharajjes. Meta kellem lil Carmen hija kienet qaltlu li t-tfal kienu mbezzghin ghax missierhom kien keccihom u t-tfal ma riedux imorru lura. Dak iz-zmien kien imsiefer jahdem barra. Huwa gie lura Malta fil- fil-21 ta' Settembru 2007 , hu u Carmen izzewgu u t-tfal ghadhom maghhom sal-lum. Lil missierhom sfortunatament isemmuh fin-negattiv u lill-ommom fil-pozittiv. L-akbar dispjacir taghhom hu li missierhom riedhom jichdu lill-ommhom u din ghadha tweggaghhom sal-lum.

Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2015 l-partijiet ddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom u awtorizzaw lil perit legali tghaddi ghar-rapport wara li ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

**Sottomissjonijiet tal-partijiet**

Dr Henry Antoncich ghall-attur fl-istess seduta ssottometta dan li gej:

Dr Antoncich ghall-attur rigward l-eccezzjoni preskrizzjoni sollevata li din applikabbli bejn konjugi anke jekk legalment separati u jirreferi ghall-art 2123 tal-Kap 16 u ghas-sentenzi fl-ismijiet Prim Awla tal-5 ta' April 1880 Vol IX p 118 Theuma v Theuma u sentenza Qorti tal-Appell per Prim Imh Silvio Camilleri Kawza nru 1117/2010 fl-ismijiet Mario Micallef v Sandra Micallef Gravina deciza 29.5.2015.

Dr Kris Busietta ghall-konvenuta pprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Konsiderazzjonijiet

L-attur qed jitlob dikjarazzjoni li l-intimata kellha l-obbligu li tipprovi ghal manteniment u spejjez ta' sahha u edukazzjoni taz-zewg uliedhom ghaz-zmien li damu jghixu mieghu bejn il-21 ta' Marzu 2000 u Settembru 2007 u likwidazzjoni u hlas tal-istess mill-intimata.

Din hija kawza fejn il-partijiet kienu sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt tal-21 ta' Marzu 2000 atti Nutar Dottor Marco Burlo' u li permezz tal-istess kuntratt l-partijiet kienu ftehmu li l-kura u kustodja taz-zewg uliedhom tibqa kongunta filwaqt li t-tfal jibqghu jirrisjedu mal-missier u li l-missier u t-tfal jibqghu jghixu f'dik li qabel kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet u li hija proprjeta parafernali tal-mara.

Gara li f'Settembru 2007 t-tfal marru jghixu maz-zija taghhom oht il-mara Carmen Caruana.

A fol 24 l-attur pprezenta kopja ta' ittra ufficjali tat-13 ta' Marzu 2009 li permezz taghha l-konvenuta interpellata sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kawzati minnu fil-fond 152/153 Triq Sant Elena Sliema. interpella lill-konvenuta ghal dan il-hlas liema talba huwa ddikjara li kien qed jaghmilha ai termini tal-artikolu 889 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-kawza giet intavolata fit-3 ta' Marzu 2010 u r-rikors guramentat gie notifikat lill-konvenuta fit-3 ta' Settembru 2010 (fol 36 pagna ta' wara).

**(1) Obbligu tal-manteniment ghal ulied**

L-attur jikkontendi li l-konvenuta ghandha tikkontribwixxi ghal manteniment taz-zewgt itfal taghhom u ghal nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha sakemm dawn it-tfal damu jghixu mieghu minn meta l-partijiet isseparaw fil- 21 ta' Marzu 2000 sa' Settembru 2007 meta t-tfal b'digriet tal-Qorti inghataw liz-zija taghhom Carmen Caruana.

L-konvenuta mill-banda l-ohra tikkontendi li huma kienu ftehmu li hija ma tghaddi xejn manteniment u li dan jigi pacut talli hija ser thallih jghix fid-dar proprjeta parafernali taghha flimkien ma' wliedhom.

Il-konvenuta tibbaza l-eccezzjoni taghha wkoll fuq l-fatt li l-kuntratt ta' separazzjoni jghid li l-partijiet ma ghandhomx pretensjonijiet kontra xulxin u jissusti ghalhekk l-principju ta' 'pacta sunt servanda'.

**Premessa**

Preliminarjament jigi rilevat li bhala principju in tema legali jigi osservat li huma l-obbligu taz-zewg genituri li jikkontribwixxu ghall-manteniment tat-tfal kemm finanzjarment kif ukoll mod iehor. Li l-manteniment dovut ghandu jigi komputat skont il-bzonnijiet tat-tfal u l-mezzi ta' min hu obbligat ihallas il-manteniment, liema mezzi jinkludu kemm il-beni mobbli kif ukoll dawk immobbli.

L-obbligi ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-**artikolu 3 tal-Kap 16** li jipprovdi li :-

*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja"*

**Skond l-artikolu 3B tal-Kap 16 hemm stipulat illi:**

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."*

**Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad** li:-

*"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

L-**artikolu 7(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid li: "*Il-genituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3b ta' dan il-Kodici."*

Ghalhekk jirrizulta mid-dispozzjoni tal-ligi li l-genituri ghandhom l-istess obbligu veru l-ulied taghhom u t-tnejn ghalhekk ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-istess. Aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond

**l-artikolu 2 tal-Kap 16** "j*erfgħu r-responsabbilitajiet indaqs matul iż-żwie*g taghhom.'

Illi jinghad ukoll li bhala principju, l-omm ghandha wkoll terfa' r-responsabbilitajiet tagħha manteniment versu wliedha. . Fil-fatt , fil-kawża **"Marthese Vella pro et noe vs George Vella"** deeiża fit-28 ta' Frar 2003, dina l-Onorabbli Qorti sostniet li:- *"t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab miegħu wkoll responsabbilitajiet fuq il-mara miżżewga ferm aktar milli kellha qabel.* ***Dawn ir-responsabbilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bħal żewgha r-responsabbilta' għal dak li jirrigwardja l-manteniment tal-familja."***

**(2)Il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet**

Huwa minnu li para (14) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet (fol 120 jghid testwelment : "Salvi l-premess, il-partijiet jiddikjaraw li m'ghandhomx aktar pretenzjonijiet kontra xulxin u l ma ghandhomx x'jaqsmu aktar ma' xulxin."

Huwa minnu wkoll li Para (9)(iv)(a) (fol. 10 et) l-konvenut tat l-kunsens lir-ragel l-attur biex jibqa jghix gewwa l-fond numru 152/153 Triq Sant Elena Sliema mera tolleranza u buona volonta tal-mara u ghalhekk minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ma jirrizulta minn imkien pero li l-attur kien irrinunzja ghal manteniment minghand l-intimata favur l-ulied kuntrarjament ghal dak li ghamlu fir-rigward tal-manteniment minghand xulxin u dana stante li f'para (2) tal-kuntratt (fol 8) l-partijiet kien ddekadew b'mod reciproku wiehed versu l-iehor mid-dritt li jippercepixxu manteniment minghand xulxin.

Bhal ma jirrizulta minn imkien dak li qed tikkontendi l-konvenuta li hallietu joqghod b'xejn fid-dar taghha flimkien mat-tfal bi tpacija talli huwa kien ser jiehu t-tfal u lanqas ic-cirkustanzi tal-kaz ma jaghtu affidament ghal dak li qed tikkontendi l-konvenuta tenut kont li hija zammet ferm fil-kuntratt ta' separazzjoni d-dritt taghha li terga tidhol f'darha

meta u fi x'hin trid minghajr ma sar ebda provvediment dwar x'jigri minn dan l-allegat arrangement dwar il-manteniment tat-tfal kemm-il darba hija tidhol tghix f'darha.

Illi dwar provi fil-kamp civili jigi rilevat li:

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet

(**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs B** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta'presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Illi inoltre kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic- certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l- motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil- qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill- presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il- Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

F'din il-kawza il-perit legali kellha tifli mhux biss l-kuntratt ta' separazzjoni kkuntrattat bejn il-partijiet izda wkoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz cioe l-verzjonijiet tal-partijiet u x-xhieda taghhom dwar l-ispjegazzjoni li taw , naha fejn tghid li huwa qatt ma rrinunzja ghal manteniment ghat-tfal u n-naha l-ohra li tghid li huwa thallas tal-manteniment billi baqa kera b'xejn fid-dar tal-konvenuta.

Il-perit legali tibda biex tghid li fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, ma hemm ebda rinunzja da parti tal-attur ghal manteniment tat-tfal. Inoltre l-perit legali mill-assjem tal-provi ma tistghax tasal ghal konvinciment morali u taccetta l-verzjoni tal-konvenuta li kien accetta li jmantni lill-uliedhom a spejjez tieghu biss. Kieku dan kien il-kaz kien jitnizzel fil-kuntratt bhal ma tnizzlet id-dekadenza tal-manteniment bejn il-partijiet.

Il-perit legali taghmel referenza ghal dak li jghid **Dogliotti, Separazione e divorzio. Il dato normative. I problem interpretative Torino 1995** kif kwotat fis-sentenza tal-Corte di Cassazione fl-Italja pp.7-8 (5) Cass. 15.3.1991 n.2788 in Foro it. 1991)

"*L'esclusione dell'assegno di mantenimento dall'àmbito del contenuto essenziale della separazione si evince dal fatto che, come non è inammissibile un ricorso per separazione giudiziale o nulla una comparsa in cui nessuna domanda è formulata con riferimento all'assegno di mantenimento, <u>neppure può concludersi che la mancata previsione di una clausola ad esso inerente consegua necessariamente il rifiuto dell'omologazione. Ritiene per contro che il contenuto essenziale della separazione compendi anche l'assegno di mantenimento per il coniuge e l'assegnazione della casa "</u>*

***(3)*Pacta Sunt Servanda**

Il-konvenuta ssemmi l-principju ta' pacta sunt servada biex tiggustifika ghala hija ma ghandhiex thallas xejn. Veru li l-ligi fl-**artikolu 992 u 993 tal-Kodici Civili taghna** tghid s-segwenti :

*992. (1) Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ggandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil -ligi*

***993**. Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-ligi.*

Diversi sentenzi pero fuq dan l-punt dejjem jikkontentu li l-kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet fosthom:

1. Fis-sentenza **Grace Spiteri vs Carmel sive Camilleri et**[1] il-Qorti irriteniet: *"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa ………… li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda".*
2. Fis-sentenza **Onor. Edgar Cuschieri nomine vs. Perit Gustavo R. Vincenti**, il-Qorti irriteniet*"Hu forsi opportun li jingħad bi preliminari illi ġialadarba kuntratt għandu forza ta' liġi bejn il-partijiet li jagħmluh [Artikolu 992 (1) Kodiċi Ċivili], l-interpretazzjoni tiegħu tinneċessita li wieħed jestraja minnu, skond ir-regoli magħrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti."*
3. **Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino**[2] u **Raymond Vella u Joseph Vella vs. Neil Duffy u Kim Duffy**[3] fejn il-Qorti irriteniet illi *"l-Qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola*

[1] First Hall Civil Court, decided on the 30th May 2002, reference 3535/96, 20

[2] Court of Appeal (Superior) Decided on the 11th November 1997, Volume 81 (1997) Part No. 2, Section 1, 840

[3] Small Claims Tribunal, decided on the 22nd July 2010 Reference 23/2010 and Creek Company limited (C 14232) vs. l-Avukat Dottor Joseph Grech et decided on the 16th June 2010

*l-konvivenza soċjali bbażata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, ċioe' ir-rationalis prinċipium, huwa l-pacta sunt servanda."*

**4.** Fis-sentenza **Frank Salt Real Estate Ltd vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu propju u in rapprezentanza tas-socjeta Sullivans Ltd**: Il- Qorti irriteniet*"Proprju bl-ewwel artikolu msemmi (992) il-Kodici Civili jesprimi l-principju illi l-kuntratt, maghmul skond il-ligi, ghandu sahha ta' ligi ghall-kontraenti partecipanti fih [subinciz (1) tieghu]. Strettament, u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta` unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u, in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi (subinciz 2)."*

Pero din mhix kawza fejn l-attur jixtieq ivarja kuntratt izda hija kawza fejn qed jitlob dak li l-kuntratt ta' separazzjoni ma pprovdiex dwaru.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-perit legali din mhix kawza fejn japplika l-principju Pacta Sunt Servanda.

Illi ghalhekk l-ewwel talba tal-attur ghandha tigi milqugha.

**(4) Likwidazzjoni somma manteniment u nofs spejjez edukazzjoni sahha.**

Illi l-attur pprezenta prospett ta' spejjez li kellu u li jammonta ghal €81,021 (fol 71) mifrux fuq 2879 jum (fol 70) li dam jiehu shieb it-tfal . Ircevuti biex jipprova dawn l-ispejjez huwa ma pproduca xejn. Dan ifisser li kellu €855.87c kull xahar spejjez ta' manteniment , edukazzjoni, u sahha ghaz-zewg ulied. Huwa jinkludi l-ispejjez tal-cruises li ha t-tfal meta sifirhom mieghu.

Il-konvenuta tghid li hija halset id-donations tal-iskola hi ghaz-zewg ulied u fol 152 hija ppproduciet diversi ircevuti li jammontaw ghal LM250. Kemm hija u ohtha jghidu li kienu jixtru hwejjeg it-tfal izda dan ma jistghax jigi kalkulat a fini ta' manteniment stante li dan ghamluh minn jheddhom. Jigi rilevat li nofs is-somma mhallsa minnha bhala donations lill-iskola cioe LM125 ghandha fil-fehma tal-perit legali tigi rimborsata mir-ragel.

Fil-kaz in ezami l-perit legali eaminat bir-reqqa r-rendikont tal-ispejjez prezentat mill-attur a fol 71 u tirrileva dan li gej:

€885 flus li allegtament hallas lil Carmen oht l-mara meta huwa kien l-isptar ma jistghux jigu konsidrata stante li prova ta' dan l-attur ma gab xejn.

Stationery LM30 ghandha tigi kalkulata fuq sebgha (7) mhux tmien (8) snin u ghalhekk hija ta' LM210 u ghalhekk hija ta' €489.30c.

School Books - LM400 kotba fis-sena l-perit legali tikkontendi li hija cifra esagerata u fl-umli fehma taghha din ma kienetx tkun ta' aktar minn LM200 u ghalhekk is-somma mitluba ghandha tkun ta' LM1400 cioe €3262

School PE kits LM60 fis-sena ghandha tkun ta' LM420c cioe €978.60c

School uniforms Lm380 x 7 snin =LM LM2660 cioe €6297.80c

School shoes LM80 x 7 = LM560 cioe €1304.80c

School fees LM500 yearly dawn mil-provi jirrizulta li kienu ta' LM50 ghaz-zewgt iftal u jithalsu ghal tlett (3) terms u ghalhekk huma ta' LM150 u mhux LM500 fis-sena li x 7 =LM1050 cioe €2446.50c

School bags LM40 x 7 = LM280 cioe €€652.40c

School transport LM10 fil-gimgha cioe LM520 fis-sena x7 = €8481.20c

New clothes every year Lm200 x 7 = LM1400 cioe €3262

4 mobiles – din fil-fehma tla-perit legali ma tistghax tigi kunsidrata a fini ta' manteniment. L-attur xtrahomlhom minn jheddu u ma kienx obligat jaghmel dan. Ghalhekk is-somma ta' €675 mhix tigi kunsidrata.

€2445 ta' seba xhur jieklu barra ghax skond hu ma kienx jaf isajjar lanqas dawn l-perit legali ma tista tikkunsidrhom fit-total taghhom tenut kont ukoll li fl-item daily foods huwa inkluda dawn is-seba xhur u stante li hemm mezzi biex ikun jaf isajjar.

€5823 tal-holidays li ha t-tfal – lanqas dawn ma jistghu jigu kunsidrati stante li huwa hadhom min jheddu. L-istess ghal €1397 camping u €675 4 mobiles

Doctors fees LM60 x 7 = LM420 cioe €978.60c

Medicine LM40 x 7 = LM280 cioe €652.40c

Laundry LM40 fis-sena x7 = LM280 cioe €652.40c

Pocket money LM4 x 52 = LM208 fis-sena x 7 = LM1456 cioe €€392.48c

School lunches din is-somma ta' €1118 fil-fehma tal-perit legali hija parti mid-daily food u mhix tigi kunsidrata.

Toiletries LM120 fis-sena x 7 =LM840 cioe €1957.20c

Underware LM20 x 7 = LM140 cioe €326.20c

Daily food LM20 x 52 = LMLM1040 x 2.33 = €2423.20c

Private lessons €75 ghal Jonathan

Private lessons €307 ghal Anthony

O level exams l-attur ma gabx prova ta' dan

Farough Lessons free €23

Dawl u ilma l-attur a fol 72 ma nizzel xejn u pprezenta l-kontijiet tad-dawl u ilma a fol 84 li jammontaw ghal €3052.99c

Ghaldaqstant mit-total ta' maneniment imhallas huwa ta' €41,900 u ghalhekk is-somma douta mill-konvenuta fil-fehma tal-perit legali hija dik ta' **€20,950.**

Jonqos biss ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevat mill-konvenuta.

(5)**Eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' hames snin**

L-intimat qed tinvoka l-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-**artikolu 2156(b) tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta liem artiklu jirrigwarda "*l-azzjonijiet ghall-hlas ta' pensjoni ghal manteniment."*

L-attur, mil-banda l-ohra, jikkontendi (seduta 30.102015) li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bejn il-konjugi anke jekk legalment separati mhix applikabbli u jirreferi ghall-**artikolu 2123 tal-Kap 16** u ghas-sentenzi fl-ismijiet Prim Awla tal-5 ta' April 1880 Vol IX p 118 Theuma v theuma u sentenza Qorti tal-Appell per Prim Imh Silvio Camilleri Kawza nru 1117/2010 fl-ismijiet Mario Micallef v Sandra Micallef Gravina deciza 29.5.2015.

L-artiklu 2123 tal-Kap 16 jghid b'mod kategoriku li: "*Il-preskrizzjoni ma timxix bejn ir-ragel u l-mara."*

Illi l-Qrati taghna jaghtu ragun lill-attur meta jghidu li l-**artikolu 2123(a) tal-Kap. 16** hu kategoriku li preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-mizzewgin. Dan l-artikolu hu wiehed ezawrjenti u sakemm hemm zwieg il-preskrizzjoni ma tistax tigi invokata min parti kontra l-ohra, ghax hi sospiza u dan irrispettivament jekk bejn il-mizzewgin hemmx is-separazzjoni tal-beni jew il-komunjoni tal-akkwisti u sahansitra anki fejn hemm separazzjoni ghaliex il-ligi tispecifika li l-preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-mizzewwgin sic et sempliciter (ara f'dan is-sens ( **Sammut vs Ciarlo, App Civ 30/05/2014).** Din is-sentenza iccitat lil **Giorgi li jghid li** s-sospensjoni tal-preskrizzjoni tapplika '*anche nel caso di separazione personale tra marito e moglie'***.**

Illi ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta ma hix applikabbli f'dan il-kaz stante l-pretensjoni tal-attur ma hiex bazata fuq manteniment stabilit permezz ta' kuntratt jew b'decizjoni tal-Qorti. Ara li kieku qed jitlob arretrati ta' manteniment abazi tal-kuntratt jew sentenza tal-Qorti l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 kien ikun applikabbli u dan stante li tali artiklu jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni kemm dak kolpit b'konvenzjoni u kemm fil-kaz li jkun gie hekk iffissat b'sentenza, il-preskrizzjoni skond dan l-artiklu hija applikabbli. (**vide sent Prim Awla per Imh Sciberras Victoria Carmilleri pro et noe vs Mahmoud Faraj Abdul sive Joseph Kareen deciza 9.12.2002)**

L-artikolu 2156(b) ma jsemmi xejn fil-kaz ta' meta ma hemmx la kuntratt u lanqas sentenza – ubi lex voluit dixit pero l-artikolu 2123(a) mill-banda l-ohra jaghmilha cara li ma hemmx preskrizzjoni bejn il-mizzewgin. Veru li l-partijiet f'din il-kawza huma legalment separati izda veru wkoll li legalment ghandhom mizzewgin. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuta ma tistghax tigi akkolta.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-perit legali l-intimata ghandha thallas lill-attur s-somma ta' **€20,950c.**

**(5) Imghaxijijiet dovuti**

l-attur jippretendi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu mid-data tal-ittra ufficjali. Izda stante li dan huwa ammont da liquidarsi l-imghaxijiet huma dovuti mid-data tas-sentenza u mhux kif qed jippretendi l-attur mid-data tal-ittra ufficjali.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-perit legali l-intimata ghandha thallas lill-attur s-somma ta' **€20,950.**

Ghaldaqstant fil-fehma tal-perit legali:

l-ewwel talba attur ghandha tigi milquha
it-tieni talba attur hija fl-ammont ta' **€20,950.**
it-tlieta talba: ghandha tigi milquha
imghax mid-data tas-sentenza stante li l-kawza hija dwar ammont da liquidarsi.
l-eccezzjonijiet tal-konvenuta jigu michuda.

Tant l-esponenti ghandha x'tissottometti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

Il-Qorti ikkunsidrat il-provi kollha prodotti sija quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji u wkoll quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia, inkluż l-affidavits esebiti. Ikkunsidrat ir-relazzjoni ppreżentata mill-istess Perit Legali. Il-Qorti hija tal-fehma, tenut kont tal-provi prodotti u tenut kont ukoll tal-ġjurisprudenza ċċitata mill-abbli Perit Legali (li ġja ġiet rapportata f'din is-sentenza), illi l-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Legali, kemm dawk legali kif ukoll dawk fattwali, huma korretti u għandhom jiġu abbraċċjati mill-Qorti.

Dwar <u>il-prinċipju *pacta sunt servanda*</u>, huwa minnu li l-kuntratti għandhom il-forza ta' liġi bejn il-partijiet u ma jistgħux jiġu emendati għajr fl-estremi kkontemplati mil-liġi stess. Fil-każ odjern, kif tajjeb ikkonkludiet il-Perit Legali, il-Qorti m'għandhiex talba għal bdil ta' dak konvenut bejn il-partijiet, iżda talba biex il-Qorti tistabbilixxi dak illi ma ġiex stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejn il-partijiet. Il-partijiet fl-imsemmi kuntratt stipulaw id-dekadenza reċiproka mid-dritt ta'

manteniment fil-konfront ta' xulxin. Dwar il-manteniment ta' uliedhom, ma ftehmu xejn. Min imkien ma jirriżulta dak allegat mill-konvenuta, li hi ppermettiet lill-attur jgħix f'dar parafernali tagħha, in espletazzjoni tad-dmir tagħha li tivversa manteniment għal uliedha. Kieku kien il-każ, il-partijiet kienu jistipulaw dan, bħalma stipulaw fuq kwistjonijiet oħra.

Dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, jirriżulta sija mill-Artikolu 2123(a) tal-Kodiċi Ċivili[4], u wkoll mill-ġjurisprudenza tagħna, illi l-preskrizzjoni ma tiddekorrix bejn il-miżżewġin, anke fil-każ ta' separazzjoni personali bejniethom. Il-Qorti żżid li fil-każ iċċitat mill-Perit Legali fl-ismijiet Victoria Camilleri pro. et. noe. vs. Mahmoud Faraj Abdul sive Joseph Kareem[5], il-partijiet ma kienux hemmhekk miżżewġin. Dan stante li qabel għaddew għal ftehim bejniethom dwar il-manteniment tal-mara u tat-tfal, il-Qorti kienet ġja ddikjarat iż-żwieġ tagħhom bħala null u bla effett. Għaldaqstant, dak stabbilit f'dik is-sentenza rigward preskrizzjoni, ma jistax japplika ugwalment fil-każ odjern.

Fil-mertu, il-Qorti tirrileva li jirriżulta bl-aktar mod ċar li r-responsabbilita' kollha relatata mal-manteniment tal-minuri waqgħet fuq ir-rikorrenti.

L-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula li: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu,

[4] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 ta' Diċembru 2002

ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Dwar il-mezzi tal-attur, huwa ressaq bħala prova l-FS3s relattivi tiegħu[6], minn fejn jirriżulta dak li kien jaqla' fil-perjodu mertu tal-kawża odjerna. Dwar l-introjtu tal-intimata ma nġiebet ebda prova, pero` dina xehdet, fl-affidavit tagħha[7], illi hija kienet u għadha tgħix u taħdem ġewwa l-Ingilterra. Għalhekk jirriżulta, li l-intimata m'għandha l-ebda impediment milli tmantni lil uliedha. Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, il-Qorti qiegħda tippreżumi li l-partijiet kellhom mezzi ugwali biex imantnu lil uliedhom, u li għalhekk kwalsiasi ammont likwidat bħala spiza għall-minuri, ser jiġi maqsum mill-Qorti, ugwalment bejn l-omm u l-missier.

Dwar il-likwidazzjoni tal-ammont dovut mill-konvenuta, il-Perit Legali, fliet il-prospett ippreżentat mill-attur, fejn niżżel il-pretensjonijiet tiegħu rigward il-manteniment tal-minuri. Hija eliminat dawk l-entrati li fil-fehma tagħha ma jikkwalifikawx bħala manteniment, iżda kienu spejjeż li l-attur għamilhom għax ried hu, mingħajr ebda obbligu, bħalma huma spejjeż ta' safar u ta' mobiles. Irriduċiet dawk l-entrati li fil-fehma tagħha kienu esaġerati. Wasslet għall-konklużjoni li f'seba' snin l-attur nefaq is-somma ta' €41,900 biex mantna lil żewġ uliedu, u li għalhekk il-konvenuta kellha tirrifondi nofshom u cioe s-somma ta' €20,950.

In eskussjoni[8], l-abbli Perit Legali qablet li kellha żball fil-konteġġi tat-trasport tal-iskola u tal-ispiża tad-dawl u l-ilma. Dwar it-trasport għall-iskola hija allokat Lm10 kull ġimgħa għal 52 ġimgħa, li għandu jiġi ridott għal 36 ġimgħa, sabiex jitnaqqsu dawk il-ġranet fejn it-tfal ma kellhomx skola. Dan l-ammont għalhekk għandu jkun ta' €5870 minflok €8481.
Dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma għandu jitnaqqas terz mill-ammont, stante li l-ispiża saret għal żewġ ulied u l-missier (tliet persuni) u mhux għall-ulied biss. Għalhekk dak l-ammont għandu jkun ta' €2045.50 minflok €3052.99.

---

[6] Fol. 102

[7] Fol. 235

[8] Xiehda tagħha tal-21 t'April 2016, fol, 264 et seq.

Tenut kont ta' dawn l-aġġustamenti, l-attur nefaq għal uliedu s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Stationery | €489.30 |
| School Books | €3262 |
| PE Kits | €978.60 |
| School Uniforms | €6297.80 |
| School Shoes | €1304.80 |
| School Donations | €2446.50 |
| School Bags | €652.40 |
| School Transport (ammont aġġustat) | €5870 |
| New clothes | €3262 |
| Doctors' Fees | €978.60 |
| Medicine | €652.40 |
| Laundry | €652.40 |
| Pocket Money | €392.48 |
| Toileteries | €1957.20 |
| Underwear | €326.20 |
| Daily Food | €2423.20 |
| Private Lessons – Jonathan | €75 |
| Private Lessons – Anthony | €307 |

| | |
|---|---|
| Farough Lessons | €23 |
| Dawl u Ilma (ammont aġġustat) | €2045.50 |
| **Totali** | **€34,396.38** |

L-attriċi ssostni li hija pprovdiet lil uliedha dar t'abitazzjoni, u li għalhekk mill-ammont likwidat favur l-attur, għandu jitnaqqas dak li iffranka sabiex jikri dar t'abitazzjoni. Il-Qorti ma taqbilx. Jirriżulta li l-attriċi żammet favur tagħha d-dritt li żżomm l-effetti mobbli tagħha fl-istess dar u wkoll li terġa tmur tirrisjedi fl-istess dar mingħajr ebda xkiel. Oltre li kien ta' benefiċċju għall-ulied li jibqgħu jgħixu fl-istess dar fejn trabbew, minkejja s-separazzjoni tal-ġenituri tagħhom, kien ta' benefiċċju wkoll għall-omm li kellha s-serħan tal-moħħ li jkollha residenza meta tiġi lura mis-safar. Inoltre, jirriżulta li l-attur fis-separazzjoni bejn il-partijiet, assuma d-dejn kollu tal-komunjoni tal-akkwwisti, u għalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa ġja kkompensa għall-okkupazzjoni tiegħu tal-fond.

Illi l-Qorti lanqas ma taqbel mas-sottomissjoni tal-attriċi, li għandu jitnaqqas l-ammont minfuq minn Carmen Caruana (iz-zija tal-minuri u oħt l-intimata) għall-ħwejjeġ u oġġetti oħra li xtrat lill-minuri, liema spejjeż hija għamlet bil-buona volonta` tagħha u mingħajr ħadd ma ġiegħelha.

Illi għalhekk l-ammont li l-intimata għandha tħallas lill-attur hija nofs is-somma ta' erbgħa u tletin elf, tliet mija u sitta u disgħin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€34,396.38) u cioe sbatax-il elf, mija u tmienja u disgħin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€17,198.19).

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati

mill-intimata u tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent u konsegwentement:

1. Tiddikjara illi minn Marzu 2000 sa Settembru 2007, l-intimata kellha l-obbligu li tipprovdi l-manteniment u tikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ta' uliedha minuri Anthony Neil u Jonathan Bernard;

2. Tiddikjara illi sehem l-intimata għall-manteniment u għall-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri huwa ta' sbatax-il elf, mija u tmienja u disgħin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€17,198.19).

3. Tordna lill-intimata tħallas lir-rikorrent l-imsemmija somma ta' sbatax-il elf, mija u tmienja u disgħin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€17,198.19), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimata.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimata C  B.